FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

27 Diċembru 2015

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Minuti tal-għaxar (10) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejħet l-għaxar (10) Laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nżammet **nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015 fil-5.00pm,** b'din l-agenda:

1. Ġurament tal-Ħatra tal-Kunsillier Sur Albert Demarċo
2. Ħatra ta' Deputat Sindku - Aċċettazzjoni tal-Ħatra tad-Deputat Sindku
3. Ġurament tal-Ħatra ta Viċi Sindku – Sur Vincent Borg
4. Approvazzjoni tal-Minuti
5. Punti imqajjma mill-minuti
6. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
7. Mistoqsijiet lis-Sindku
8. Delegi ui Responsabiltajiet.
9. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
10. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill
11. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
12. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
13. Aġġudikazzjoni t' Offerti
14. Skema ta' Ġbir ta Skart Riċiklabbli
15. Kampanja "Qalb Furjaniza, Qalb Ħanina"
16. Traffiku u parkeġġ
17. Ġonna u Soft areas
18. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
19. Attivita 21 ta' Jannar 2016
20. Aggornament tal-Laqgħa

Għal-Għaxar (10) laqgħa tas-Seba' Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, Il-Kunsillier Matthew Paris, Il-Kunsillier James Aaron Ellul, l-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsillier Albert Demarco, flimkien mal-Agent Segretarju Eżekuttiv S Flores.**

**L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ Miċhaela Farrugia ma kinitx preżenti.**

**Bidu tal-laqgħa:**
Il-laqgħa nfetħet permezz ta' talba zgħira mis-Sindku Davina Sammut Hili u l-membri preżenti.

Qabel Ma beda ix-xogħol tal-aġenda, is-Sindku Davina Sammut Hili tagħat merħba lill-Kunsillier Albert Demarco, li ħa l-kariga ta' Kunsillier wara ir-rizenja tas-Sur Ivan Hallett.

## 1. Ġurament tal-Ħatra tal-Kunsillier Sur Albert Demarċo

1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili fakkret li fit-30 ta' Novembru 2015, inżammu l-elezzjonijiet każwali sabiex jimtela il-post vakant tas-Sur Ivan Hallett, għall-liema elezzjoni kien hemm żewġ nominazzjonijiet, dik tas-Sur Albert Demarċo u dik tas-Sur Nigel Holland. Il-Kandidiat elett kien is-Sur Albert Demarċo.

1.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ferħet lis-Sur Albert Demarċo, kif ukoll awgurat lis-Sur Nigel Holland.

1.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li minħabba li ma kienx hemm Kummissarju tal-Ġustizzja disponibbli għall-matul il-laqgħa, is-Sur Demarċo ħa il-Ġurament tal-Ħatra qabel il-laqgħa, liema ġurament ġie preżentat lis-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Ħatra ta Deputat Sindku - Aċċettazzjoni tal-Ħatra tad-Deputat Sindku

2.1. Is-Sindku Davina Sammut spjegat kif skont skont l-Artiklu 25 (2) fil-kariga ta' Viċi Sindku għandu joqgħod dak il-kunsillier li jkun kiseb l-għola għadd ta' voti wara s-Sindku, fil-partit li jkun kiseb l-ikbar ammont ta' voti. Għalhekk, wara ir-risultat tal-elezzjonijiet kazwali, is-Sindku Davina Sammut nnominat lill-Kunsillier is-Sur Vince Borg sabiex iservi ta' Viċi Sindku tal-lokalita'.

2.2. Is-Sur Vince Borg aċċetta l-kariga u għalhekk ġie maħtur Viċi Sindku tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana.

## 3. Ġurament tal-Ħatra ta' Viċi Sindku – Sur Vincent Borg

3.1. Minħabba li ma kienx hemm Kummissarju tal-Gustizzja disponibli għall-matul il-laqgħa, is-Sur Vince Borg intalab li jieħu l-ġurament tal-Ħatra ta' Viċi Sindku fil-ġranet ta' wara l-laqgħa.

## 4. Approvazzjoni tal-Minuti

4.1. Il-minuti tad-disa' (09) laqgħa tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

4.2. Il-Kunsillier Vince Borg ressaq korrezjoni fuq il-materja 1.1.7 u talab li l-kelma "Vella", tiġi sostitwita bil-kelma "Abela". Il-Kunsill qabel

4.3. Il-Kunsillier Vince Borg ressaq korrezzjoni fuq materja 2.1 u talab li jiżdied il-kliem "dak inhar". Il-Kunsill qabel.

4.4. Il-Kunsillier Vince Borg ressaq korrezzjoni fuq materja 6.2 u talab li titneħħa il-kelma "Borg. Il-Kunsill qabel.

4.5. Il-Kunsillier Vince Borg ressaq mozzjoni, u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul, favur l-approvazzjoni tal-Minuti imsemmija f'4.1. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 - (VB, JAE, DSH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (AD)

Konsegwentament ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetliċk Flores

## 5. Punti imqajjma mill-minuti

5.1. Il-Kunsillier Vince Borg għamel riferenza għall-materja numru 2.4 u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi.

5.1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili, infurmat li sar kuntatt mas-Sur Neil Cassar, li għadda l-lill-kunsill il-kuntatti neċessarji sabiex il-Kunsill ikun jista' jibda il-proċess.

5.1.2. Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera sabiex il-Kunsilliera jgħaddula is-suġġeriment liema toroq għandhom ikunu trattati.

5.2. Il-Kunsillier Vince Borg għamel referenza għall-materja numru 2.6.1, u informa li, minn komunikazzjoni li daħlet ftit tal-minuti qabel il-laqgħa, il-Kunsill kien infurmat li kellu żieda fl-allokazjoni tiegħu ta' madwar €10,000.

5.3. Il-Kunsillier Vince Borg għamel referenza għall-materja numru 3.18 u staqsa jekk kienx sar it-tindif tal-ċulverts.

5.3.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-kuntrattur naddafom kollha, barra dak ta' Triq San Tumas, għax kien iwweldjat. Hija fakkret li l-Kunsill kellu laqgħa mal-istess kuntrattur,li ġiet posposta minħabba li kellu funeral. Data alternattiva ser tiġi ikkomunikata fil-futur qarib.

5.4. Il-Kunsillier Vince Borg għamel referenza għall-materja numru 3.2 li tirrigwardja kanal tal-ilma fi Triq San Tumas kantuniera ma' Triq L-Isqof Mauro Ċaruana. Huwa informa li tkellem mal-ħaddiem tal-kunsill u li ser jagħmel l-intervent neċessarju.

5.5. Il-Kunsillier Vince Borg għamel referenza għall-materja numru 3.6.

5.5.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili irrimarkat li sfortunatament, hekk kif twaħħlu il-fanali, immedjatament ġew ivvandalizzati, u tkissrulhom il-ħġieġ. Hija ziedet tgħid li l-vandaliżmu qed jiżdied. Speċjalment fi Pjazza San Publiju, fejn ta' kontinwament qed jinqalaw il-kontenituri tal-iskart u l-bankijiet. Riċentament tkissret ukoll il-pannella informattiva tal-fossa tal-qamħ.

5.6. Il-Kunsillier Vince Borg għamel referenza għall-materja Numru 7 – Mozzjoni 01/09. Huwa informa li kumbinazzjoni iltaqa' mas-Sur Stephen Tonna, u li waqt taħdita, huwa ġie infurmat li is-Sur Tonna ma kinex jaf b'dan l-arranġament. Huwa ġie infurmat ukoll li ix-xogħol jista isir kif mitlub, iżda madankollu, dan ser iġorr l-ispiza taċ-cherry picker.

Il-Kunsillier Aaron Ellul ikkonferma li huwa kien tkellem mas-Sur Tonna, u ikkonferma

5.6.1. Il-Kunsillier Aaron Ellul ikkonferma li huwa kien tkellem mas-Sur Tonna, u ikkonferma ukoll, li waqt laqgħa li kellu, kien infurmat li l-armar tal-festa isir qabel, u għaldaqstant huwa minnu li l-kunsill ser ikollu jipprovdu iċ-cherry picker. Huwa żied jgħid, li ma kienx infurmat mill-ewwel dwar din l-ispiża.

## 6. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

6.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili tkellmet rigward il-proġett ta' tisbieħ madwar il-Polversita. Hija infurmat li fl-aħħar is-Sovrantendenza taw l-approvazzjoni tagħhom u għalhekk seta' jitkompla ix-xogħol. Hija infurmat li l-Perit Christopher Mintoff kellu jiltaqa' mal-Kuntrattur sabiex jiġu diskussi l-aħħar affarijiet. Hija infuramt li qed nistennew mingħand il-Perit fuq l-eżitu tal-laqgħa li seħħet.

6.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet talba mingħand il-Caritas, li talbu biex jużaw iċ-Ċentru Rikreativ Re Ġorġ V għall-attivita' tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu japprova it-talba, bil-kundizzjonijiet ġenerali tal-Kunsill.

6.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li riċentament ġarrbet ħsara il-bozza tat-tip *central hanging* li tinsagħab fi Triq il-Miratur kantuniera ma' Triq Antonio Agius. Il-Kunsill qabel li din għanda tigi sostiwita' ma *wall light* minħabba li *central hanging* diffiċli jiġu fornuti.

6.4. Il-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li ser tittella attivita' mill-iskola primarja, fejn ser itellaw Community Day. L-amminsitrazzjoni tal-iskola talbet jekk il-Kunsill jixtieqx jipparteċipa billi jesibixxi xi affarijiet Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni, u ser isir kuntatt mal-amminsitrazzjoni sabiex jiġi deċiz dwar l-arti li ser tiġi esibita.

6.5. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lill-membri li fir-rigward tat-talba tal-Uffiċju tal-President, sabiex jitwaħħal banner fi Triq Sant Anna li jirreklama l-istrina, il-kuntrattur li ssoltu iqabbad il-Kunsill għall-dan ix-xogħol, offra li jagħmel ix-xogħol b'xejn. Hija infurmat ukoll li l-istess kuntrattur ser jipprovdi it-tower ladder mingħajr ħlas ukoll. Ta dan, il-Kunsill għadda ir-ringrazzjament lill-kuntrattur Daniel Attard.

6.6. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korripondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward żieda ta' żewġ wifi spots b'xejn fil-lokalita. Il-Kunsill qabel li dawn għandom jitwaħħlu fi Ġnien Sir Luigi Preziosi, fi Pjazza Robert Sammut.

6.7. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korripondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-proġett *The Strategy for Innovation and Good Governance at Local Level and the European Label of Governance Excellence*, progett iffinanzjat kollu minn Norway Grants. Il-Kunsill qabel nem con li jipparteċipa f'dan il-programm.

6.8. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet talba mingħand is-Soċjeta Filarmonika Vilhena fejn offrew li l-Kunsill jipparteċipa f'attivita konġunta, sabiex issir ħarġa għall-Għawdex, li hija parti mill-ġemellaġġ li jeżisti ma Kerċem Bejn is-soċjetajiet tal-baned. Il-Kunsill m'aċċettax li jipparteċipa minħabba li l-fond allokat għall-attivitajiet konġunti ma l-istess soċjeta kienu ġew eżawriti.

6.9. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet komunikazzoni mibgħuta mill-Local Government Association, fejn infurmaw bil-ħinijiet tas-siti tal-WasteServe għaz-zminijiet tal-festi tal-Milied u tall-Ewwel tas-Sena. Hija infurmat li dawn il-ħinijiet ser jaffetwaw il-ġabra tal-iskart goff fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel unanimanet li il-Kuntrattur għadu jagħmel l-arranġamenti sabiex il-ġabra issir qabel nofsinhar il-Hamis ta' qabel iz-żewġ festi, u ma ssirx is-sibt ta wara iż-żewġ festi.

6.10. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet talba mingħand il-Mental Health Serviċes fejn talbu dwar il-possibilta' li jitrasferixxu b'mod permanenti l-operat tagħhom fis-sede tal-Kunsill. Il-Kunsill innota li dan ser iffiser li l-kunsill jillimita ruħu fl-użu tas-sede, kif ukoll jiddisturba l-operat tal-Aministrazzjoni, u għaldaqstant, ma qabilx li għandu jilqa din it-talba.

6.11. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet proposta f'isem resident sabiex isiru *rings* tal-*basketball* fil-piċċ sintetiku il-kbir, liema *rings* jitwaħħlu mal-lasti eżistenti tal-futboll. Il-Kunsill ma laqax dan is-suġġeriment għall-ragunijiet finanzjarji.

## 7. <u>Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

7.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill irċeviex risposta / reazzjoni mingħand is-Sovraintendenza tal-Patrimonju kultura, in sewgwitu għall-istqarrija stampa li ħareg il-Kunsill.

7.1.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ma rċieva l-ebda komunikazzjoni / reazzjoni dwar dan.

7.1.2. Il-Kunsill qabel li jagħti ftit granet ċans minħabba iż-żmien ta festi, u filkaz jerġa jiddiskuti iktar tard matul is-sena 2016.

## 8. Delegi u Responsabiltajiet

8.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili spjegat li, minħabba li kien hemm bdil fil-membri tal-Kunsill, ser ikun hemm bdil ukoll fir-responsabiltajiet assenjati tal-Kunsilliera. Għaldaqstant, hija infurmat bit-tibdil hekk kif ġej, liema huma b'effett immedjat:

8.1.1. Utilijiet u Servizzi, Gwardjani Lokali, Parkeġġ ser jaqgħu taħt ir-responsabilta tal-Kunsillier Albert Demarċo

8.1.2. Kultura u Storja ser taqa' taħt ir-responsabilta tal-Kunsilliera Albert Demarċo u Dott Matthew Paris (ser ikunu responsabbli konġuntament)

8.1.3. Qasam Soċjali ser taqa taħt ir-responsabilta tal-Viċi Sindku Vince Borg ~~u l-Kunsillier Albert Demarco konguntament~~

8.1.4. Relazzjonijiet mal-Pulizia ser tiġi assenjata lil-Viċi Sindku Vince Borg

8.1.5. Saħħa u Sanita ser jigu assenjati lill-Kunsillier James Aaron Ellul

8.1.6. Negozju u Kummerċ ser jaqgħu taħt ir-responsabilta diretta tas-Sindku

8.2. Il-Kunsill qabel li dan it-tibdil għandu jiġi ikkomunikati lir-residenti immedjatament.

## 9. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

9.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li saret laqgħa informali mal-Membri tas-Sotto Kumitat tar-Relazzjoniet Nazzjonali u Internazzjonali

9.1.1. Is-Sindku infurmat li matul din il-laqgħa kien hemm it-talba li dawn jassorbu ukoll il-qasam ta' Storja u Kultura, liema talba giet miqugħa.

9.1.2. Is-Sindku żiedet tgħid li kull membru fi ħdan dan is-sottokumitat ser ikun qed jassorbi irwol partikolari, sabiex b'hekk ikun hemm iktar iffikur fuq l-aspetti varji.

9.1.3. Dan is-Sottokumitat ser ikun qed jaħdem ukoll sabiex jinġiebu fondi Ewropej relevanti.

9.1.4. Is-Sindku infurmat ukoll li saret talba lis-Sindku ta Lisbona dwar il-possibilta li jsir ġemellaġġ ma din il-Belt. Dan minħabba ir-relazzjoni li hemm bejn iż-żewġ lokalitajiet, partikolarment il-Gran Mastru Vilhena.

9.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li saret laqgħa mal-Kumitat Organizzattiv għall-attivita ta Saint Patricks Day fejn ġew diskussi xi punti tekniċi, fostom l-artist/band prinċipali għall-attivita ta din is-sena. Hija infurmat li ġew magħżula żewġ bands lokali partikolari, li magħhom beda il-kuntatt. Iktar dettalji dwar dan l-aspett jingħataw hekk kif id-diskussjonijiet mal-bands jissaħħu.

9.2.1. Is-Sindku infurmat ukoll bix-xewqa li l-fond allokat għal din l-attivita jitla għall-€3000. Il-Kunsill qabel li l-fond allokat jiżdied, biex b'hekk il-prodott finali ikun jista jkun aħjar.

## 10. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill

10.1. Ma Kienx hemm repporti imressqa

## 11. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

11.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 08/07, li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

11.1.1. Il-Kunsillier Jamees Aaron Ellul astjena mill-pagament ta' Jean Ċlaude Vella (Malta Mill-Ajru)
11.1.2. Il-Kunsillier Matthew Paris astjena mill-pagamenti tas-Sur Daniel Attard. .

11.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Matthew Paris u ssekondat mill-James Aaron Ellul, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bħala ċekk nru 13137 sa 13180 bir-rizultat:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, JAE)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

11.3. Għaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet ġiet approvata u ġiet iffirmata mill-Viċi Sindku, minn żewġ kunsillieri u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

11.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq *invoice* oħra, li waslet dak inhar u li tappartjeni lill Jean Claude Vella. Il-Kunsill (eskluż il-Kunsillier James Aaron Ellul, li astjena) approva li din għanda tiżdied mal-skeda tal-pagamenti.

11.5. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni fuq *invoiċe* riċevuta minn Twilight Sound Systems, liema invoice kienet ta' ftit iktar minn €1,000, ta' servizzi mogħtija matul l-attivita' Ġenna Ta Ġonna. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika dan il-kont u għalhekk m'għandux jitħallas f'din l-iskeda.

## 12. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

12.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa.

## 13. Aġġudikazzjoni ta Offerti

13.1. Is-Sindku infurmat li kienet ġiet ippubblikata l-offerta għall-Xiri ta van zgħir. Hija Infurmat li li d-data tal-għeluq tal-offerti hija 18 ta' Diċembru f'nofsinhar, u li l-ftuħ ser isir dak inhar, immedjatament wara l-għeluq tas-sottomissjonijiet.

## 14. Skema ta' Ġbir ta Skart Riċiklabbli

14.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kuntratt Mal-Kumpanija GreenMT, fir-rigward ta ġbir ta skart riċiklabbli, wasal biex jintemm, u għaldaqstant, kif mitlub mid-Dipartimetn tal-Gvern Lokali, saret talba liż-żewġ operaturi approvati sabiex iressqu il-proposti tagħom. Huma ingħataw 5 ijiem, u estenzjoni ta' gurnata, sabiex jissottomettu il-proposta tagħhom.

14.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv inform li sal-data tal-għeluq, ġiet sottomessi proposta waħda ta Green MT.

14.1.2. IS-Sindku infurmat li hemm numru ta punti li ta min wieħed jixtarr, fostom li f'din il-proposta ma kienx hemm allokat sponsorship monetarju bħas-snin imgħodijja.

14.1.3. Agħar minn hekk, is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-proposta kienet timponi li l-ġabra tal-borża s-sewda ma tibqax issir fil-ġurnata tal-ġbir ta skart riċiklabbli. Hija infurmat li hija kienet assolutament kontra t-tali kundizzjonijiet kienet. Il-Kunsill qabel mas-Sindku unanimament fuq dan il-punt.

**NB. 5.50pm Il-laqgħa giet xolta sabiex issir diskussjoni mar-rapprezentanti tal-GreenMT 6.15pm. Il-Laqgħa tkompliet.**

14.2. Minħabba li l-Kunsill ma qabilx mal-kundizzjoni imposta mill-Greent imsemmija f'minuta 14.1.3, kien hemm qbil unanimu li jintbagħat komunikat lill-GreenMT rigward dan, fejn għandha tintagħalab li titneħħa din il-kundizzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li GreenMT għandhom jingħataw ċans sa nhar il-ġimgħa 18 ta Diċembru 2015.

**15. <u>Kampanja "Qalb Furjaniza, Qalb Hanina"</u>**

15.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li diġa bdej jinġabru fondi mill-attivitajiet relatati ma din il-kampanja. HIja infurmat li inġabru fondi mit-tournament tal-Football li organizza il-Kunsilleir James Aaron Ellul, kif ukoll minn *ċofee morning organizzat minnha stess.*

15.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li t-tournament kien suċċess. Huwa informa wkoll li, proprju l-għada ser issir attivita' mil-Floriana Senior Ċitizens. Huwa informa li hu kien mistieden jattendi, u ser jgħamel dan għall-ħabta tal-10.00am. Il-Kunsilliera l-oħra kienu mistiedna jattendu.

15.2.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili irrimarkat li l-Floriana Senior Ċitizens, kellom jwasslu l-invit għand il-Kunsill u mhux jistiednu direttament lill xi kunsillier.

15.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa ukoll li l-Floriana Ajax ser jorganizzaw darts tournement fil-weekend li jmiss u li l-Floriana Supporters Ċlub ġabru xi fondi wkoll..

15.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li ser tibagħat talba lill-Uffiċju tal-President sabiex tkun tista issir il-prezentazzjoni tad-donazzjoni.

15.5. IL-Kunsillier Matthew Paris talaba li jibda jiġi iċċirkolat programm tal-attivitajiet / minn qabel sabiex kull kunsillier ikun infurmat minn qabel bl-attivitajiet.

15.5.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg irrimarka li huwa ma kienx infurmat bit-tournament tal-futball, madankollu, il-Kunsillier James Aaron Ellul ikkonferma li huwa kien bagħat korrispondenza elettronika dwar dan.

15.6. Is-Sindku Davina Sammut Hili irrimarka dwar l-importanza tal-komunikazzjoni.

## 16. Traffiku u parkeġġ

16.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li kif maqbul, inzammet il-laqgħa dwar il-Gwardjani Lokali. Għal din il-laqgħa kien hemm prezenti is-Sindku, il-Kunsillier James Aaron Ellul, rapprezentatnti tal-Gwardjani Lopkali, kif ukoll rappreżentanti tal-Agenzija L.E.S.A

16.1.1. Matul il-laqgħa gew imressqa diversi punti, fostom in-nuqqasijeit li qed jiġu innutati mill-gwardjani lokali.

16.1.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili irrimarkat li b'effett immedjat, kull ilment ser jibda jiġi mgħoddi primarjament lil-L.E.S.A, sabiex ikun hemm iktar koordinazzjoni.

16.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat ukoll li matul ix-xahar ta' Diċembru jiskadu l-permessi tal-iskema ta Parkeġġ Residenzjali.

16.2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-proċess ta' bdil jinkludi li kull applikazzjoni eżisitenti tiġi verifikata għall xi tibdil li jista jkun sar matul iz-zmien, u li dan il-proċess jieħu ammont konsiderevoli ta' ħin.

16.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv talab, li qabel ma jsir dan l-eżerċizzju, tajjeb li l-Kunsill jivverifika ir-regolamenti prezenti, u jekk ser isir xi tibdil, isir qabel ma jsir l-eżerċizzju ta' bdil tal-*cards* relevanti. Il-Kunsill qabel mal-proposta u għalhekk qabel li għandu isir *working group* għall-din il-materja.

16.2.3. Il-Kunsill qabel li l-permessi eżistenti għandhom jibqgħu validi sakemm jitlesta il-proċess ta' tibdil

16.2.4. Il-Kunsill qabel li sussegwentament din il-materja għanda tigi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 17. Ġonna u soft areas

17.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li sar tħawwil ta pjanti fi Ġnien Vilhena, bħala parti mill-kuntratt tas-*soft areas.*

17.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili preżentat stima ta xogħol ta tindif ta pjanti selvaġġi minn madwar il-polverista, liema stima tammonta għall €147.50. Il-Kunsill approva li jsir dan ix-xogħol.

17.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li għad ma rċevix dettalji mingħand il-Perit rigward il-proposta ta piċċ tal-boċċi ġewwa iċ-Ċentru Rikreattiv Re Gorg V. Il-Viċi Sindku Vince Borg irrimarka li lanqas da parti tiegħu ma kien irċieva xejn

17.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li riċentament ġie infurmat li hemm xi ħsara intermittenti fid-dwal ta Pjazza Robert Sammut. Il-Kunsill qabel li issir il-verifikazzjoni neċessarja.

## 18. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

18.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-andament miexi kif pjanat. L-Applikazjzonijiet kienu daħlu u propju l-għada ser jittelaw il-poloz tal-ordni ta ħruq ta l-irdieden.

18.2. Is-Sindku nfurmat ukoll li l-ġurija barranija kienet ikkonfermat il-parteċipazzjoni, u t-tijiriet kienu ibbukjati ukoll.

18.3. Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li beda il-proċess tal-permessi neċessarji.

18.4. Is-Sindku infurmat li, kif diskuss diġa fir-rigward tal-bdil tal-*logos* tal-attivita', għanda kuntatt ta' persuna li jista jagħmel dan ix-xogħol. Din il-persuna ser tkun avviċinata sabiex jibdew id-diskussjonijiet relevanti.

## 19. Attivita 21 ta' Jannar 2016

19.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lill-Kunsilliera bl-attivita' annwali tal-kunsill li tinżamm fil-21 ta' Jannar.

19.2. Il-Kunsill approva li din l-attivita terġa issir, izda preferibilment tinbidel il-format tagħha.

19.3. Il-Kunsill qabel li f'din l-attivita jingħataw it-tifkiriet lill-persuni li kienu jiffurmaw parti mill-kunsill matul il-leġisltaura l-oħra u li issa m'għadhomx jiffirmaw parti għal xi raġuni jew oħra

19.4. Il-Kunsill qabel ukoll li matul l-attivita jingħataw iċ-ċertifikati ta' parteċipazzjoni lil dawk li ipparteċipaw fl-attivita Ġenna ta' Ġonna u Hafna Aktar.

19.5. Il-Kunsill qabel li tiġi riveduta il-lista tal-mistednin.

## 20. Aġġornament tal-Laqgħa

20.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-11 ta' Jannar 2016 fil-5pm.

**Il-laqgħa intemmet fis-7.30 pm**

Davina Sammut Hili
Sindku

Svetlick J. Flores
Agent Segretarju Eżekuttiv